c. M’għandhomx jitneħħew bankijiet jew għamara oħra mill-knisja mill-post fejn jinsabu. **Il-bankijiet tal-kursija ma jitressqux** biex jitwessa l-passaġġ.

d. Globi u xemgħat mal-bankijiet tal-knisja.

e. Petali fuq it-tapit l-aħmar – la naturali u lanqas artifiċjali.

f. Jekk se jintużaw *speakers* jew *mixers* kbar, araw li dawn ikunu moderati. Il-knisja tagħna għandha akustika tajba u amplifikazzjoni tas-*sound*, speċjalment għall-mużika, toħloq storbju bla bżonn. L-i*speakers* ma jitqiegħdux fuq il-presbiterju.

Nittamaw li dawn il-punti jgħinukom biex torganizzaw aħjar din il-ġurnata sabiħa u qaddisa tagħkom.

*Għajnuna lis-Santwarju:*

Tifhmu li l-ħlas li intom tagħmlu lill-Kurja jinqasam bejn il-parroċċi tal-għarus u tal-għarusa, l-knisja fejn isir it-tieġ, kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-Kurja. Tkun milqugħa għalhekk kull donazzjoni min-naħa tagħkom. Din tmur għall-ħin extra ta’ dawl, *overtime* tas-sagristana, għajnuna lil dawk li jieħdu d-dokumenti tagħkom lill-*Public Registry* wara t-tieġ u oħrajn. Għalhekk kull għajnuna għas-Santwarju tkun milqugħa, kulħadd skond il-mezzi tiegħu. Grazzi ħafna tal-għajnuna tagħkom.

**PARROĊĊA MADONNA TAL-GRAZZJI –**

**ĦAŻ-ŻABBAR**

## LILL-GĦARAJJES LI SE JIŻŻEWĠU FIS-SANTWARJU TA’ ĦAŻ-ŻABBAR

Nirringrazzjawkom li għażiltu l-knisja parrokkjali tagħna biex fiha tiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ tagħkom. Se nagħtukom issa, xi punti għall-ġid tagħkom u tagħna lkoll:

1. Nirrakkomandaw li bħala għarajjes tippreparaw sewwa l-quddiesa tat-tieġ flimkien maċ-ċelebrant. Evitaw li taħlu ħin żejjed fuq l-organizzazzjoni ta’ din il-ġurnata u ma jkollkomx ħin biżżejjed għal dik li hi tħejjija umana u spiritwali.

2. Tajjeb tħeġġu lill-mistednin tagħkom biex jattendu għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa taż-żwieġ. Tkun ħaġa sabiħa li jissiebħu magħkom ħalli jitolbu għalikom u magħkom f’dan il-pass importanti li intom se tagħmlu f’ħajjitkom.

3. Sibu nies li jaqraw tajjeb il-lezzjonijiet u t-talbiet ta’ interċessjoni.

4. Użaw tajjeb il-ħin hekk kif titqarbnu. Evitaw diskors bejnietkom jew li tkunu distratti mill-mistednin. Il-ħin ta’ wara t-tqarbin hu mument qaddis. Roddu ħajr lill-Mulej li wassalkom sa din il-ġurnata u itolbuh jgħinkom fil-ħajja ġdida li se tibdew.

5. Araw li kemm jista' jkun tkunu preżenti fil-knisja fil-ħin miftiehem. Aktar ma ddumu ma taslu l-knisja, aktar taslu tard fis-sala. Ikkalkulaw li għandkom madwar siegħa skorruti fil-knisja, bir-ritratti b'kollox.

6. Importanti li, safejn jiddependi minnkom, kulħadd jiġi l-knisja liebes b'mod diċenti. Dan jgħodd l-aktar għall-għarusa, l-ajjutanti tagħha, ix-xhieda, kif ukoll dawk li se jaqraw fil-knisja. Jekk se jkun hemm xi lbies skullat, tajjeb jintlibes xi xall, bolero, ġakkettina, eċċ. Qabel is-sala tinsewx li hemm il-knisja!

7. Araw li l-mużika tkun adatta għall-knisja. Ftehmu ma' min se jdoqq u jkanta biex jagħżel innijiet tal-quddiesa. Tajjeb li taraw maċ-ċelebrant l-innijiet li se jintużaw. Il-kant irid ikun *live* u mhux irrekordjat.

8. Ftehmu magħna minn qabel fejn se jsiru l-fjuri. Tista' taħbat xi festa u jkun hemm xi tiżjin fuq l-altar, u allura ma jkunux jistgħu jsiru fjuri kull fejn l-għarajjes jixtiequ. Il-fjuri għandhom jibqgħu fil-knisja u mhux jittieħdu lura wara l-quddiesa.

9. Jekk se jintużaw dwal mill-fotografi aktar minn dawk li nsibu fil-knisja, intom mitluba tinfurmawna minn qabel.

10. Jekk tixtiequ li jintuża l-orgni l-kbir (pipe organ), infurmawna minn qabel ukoll.

11. Ftehemu ma' tar-ritratti u tal-video biex iħarsu d-dinjita' tal-knisja. M'għandhomx ifixklu l-quddiesa b'ħafna ġiri u ġbid ta' ritratti, speċjalment waqt ħinijiet li huma ta' ġabra, bħal waqt il-qari tal-Kelma t'Alla, il-konsagrazzjoni u t-tqarbin. Waqt l-omelija l-aħjar li l-*cameras* ikunu fuq stand biex la titilfu intom u lanqas il-kongregazzjoni. Għandha tintuża dejjem il-prudenza.

12. Jekk se jintefgħu l-konfetti fuq l-għarajjes, araw li dawn jintefgħu barra mill-bieb tal-knisja biex tevitaw li jidħlu ġewwa.

13. Jekk ikun se jsir xi *rehearsal*, dan għandu jsir bi ftehim magħna minn qabel. Propjament mhemmx bżonn li jsir wieħed, iżda jekk taraw il-bżonn tiegħu, **irid ikun preżenti s-saċerdot** ħalli jgħaddi magħkom ir-rit taż-żwieġ. Ikunu jistgħu jiġu biss l-għarus, l-għarusa u l-*bestman* jew l-*organiser*. Tifhmu li ma jkunx possibbli li jkunu preżenti aktar nies ħalli nevitaw il-konfużjoni fil-knisja billi jkollna ħafna tiġijiet fis-Santwarju. Dawn ikunu bejn il-5.00pm u l-5.30pm minħabba li jkun hemm impenji oħra fil-knisja.

14. M'hemmx għalfejn jitqiegħdu l-*Unity Candles* fuq l-altar. Dawn huma simbolu ta' dak li tkunu għadkom kif iċelebrajtu. La tkunu diġa sirtu ħaġa waħda bejnietkom permezz tas-Sagrament taż-żwieġ, ma jkunx hemm għalfejn terġgħu tagħmluh forma ta' simbolu.

*X'mhux pemess li jsir:*

a) fjuri artifiċjali. Il-fjuri huma offerta lil Alla fit-tempju tiegħu, għalhekk għandhom ikunu fjuri naturali.

b) Ma jkunux jistgħu jittieħdu lura l-fjuri mill-knisja.